XIII *Id-Duluri*

**Mis-Salib lill-Iben qalgħu / Telaq hemm id-dirgħajn Tiegħu!**
**U dik l-Omm fi ħdanha tilqgħu / Mejjet; w hi titgħannaq Miegħu!**
**Qalbha ħarġet minn għajnejha / Bi dmugħ qawwi bdiet tibkiH!**
**Dak il-Wiċċ kiesaħ bdiet tbusu / U ma' qalbha tistrinġieH !!!**

XIV *Ġesù Midfun*

**O għażiż Qabar ta' Kristu / Illi mejjet jinsab fik;**
**Qabel Huwa ma jirxoxta / Le nitħarrek, le nħallik!**
**Imbagħad ngħid lill-kiefra mewt, / Lilha ngħid u nerġa' ngħid:**
**O mewt għidli fejn tinsab / Ir-rebħa li ħsibt li wrejt!!**

(*Nota: Jekk xi qarrej jaf dawn il-versi, il-versi neqsin jew jekk tinsabx f'xi ktieb, mistieden jikteb lill-Editur.*)

---

**Kitbiet** għall "L-Imnara" għandhom ikunu riżultat ta' esperjenza jew riċerka oriġinali.
Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

**Sħubija** fl-Għaqda Maltija tal-Folklor hija Lira Maltija fis-sena. Membri ġodda jħallsu żewġ liri l-ewwel sena biss biex ikopru r-reġistrazzjoni, u wara Lira fis-sena. Is-sħubija fil-Għaqda tinkludi "L-Imnara" mingħajr ħlas lill-membri, u ma tinbiegħx fil-ħwienet. Min irid "L-Imnara" irid jidħol membru. Kull ħlas għandu jmur BISS għand it-Teżorier, is-Sur J.F.Porsella-Flores, 69, Triq il-Palma. Paola. Lista tal-Membri Effettivi (dawk biss li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) tidher f' "L-Imnara".

---

*Nota Editorjali:* Ħajr lis-Sur John Sciberras, membru tagħna, kittieb u għalliem tal-Malti, li ġentilment għoġbu jiċċekkja l-ortografija ta' l-artikoli li jidhru bil-Malti f'din il-ħarġa.

---